MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF VINCENT DE GAETANO

Seduta tat-23 ta' Dicembru, 2003

Appell Kriminali Numru. 166/2003

**Il-Pulizija**

**v.**

**Mario Borg**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Borg talli f'dawn il-Gzejjer naqas li jhallas lil Mary Rose Borg il-manteniment dovut lilha fis-somma ta' Lm35 fil-gimgha kif ukoll is-somma ta' Lm55 fil-gimgha dovuti bhala manteniment ghall-minuri Matlene u Mirayah ghax-xahar kollu ta' Dicembru, 2002 u ghax-xahar kollu ta' Jannar, 2003 u dan bi ksur ta' Digriet tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-28 ta' Jannar, 2002 liema digriet ikkonferma li l-manteniment li huwa kellu jhallas lil Mary Rose Borg huwa dak indikat fid-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Civili numru 396/2000 datat 21 ta' Marzu, 2000;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Settembru, 2003 li permezz taghha dik il-qorti sabet lill-imsemmi Mario Borg hati skond l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu sitt (6) ijiem detenzjoni;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Mario Borg, minnu ppresentat fis-16 ta' Settembru, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka ta' dik is-sentenza jew alternattivament ir-riforma taghha kwantu ghall-piena, jew li din il-Qorti tissoprasjedi pendenti l-ezitu tal-proceduri civili fejn huwa qed jitlob riduzjoni fil-*quantum* tal-manteniment li ghandu jhallas;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet il-provi u lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tad-19 ta' Dicembru, 2003; rat id-digriet taghha moghti fl-imsemmija udjenza tad-19 ta' Dicembru, 2003 dwar l-ammissibilita` ta' mart l-appellant bhala xhud[1]; ikkunsidrat:

L-aggravju ta' l-appellant huwa, bazikament, illi huwa jinsab – u kien hekk jinsab f'Dicembru, 2002 u f'Jannar, 2003 – fl-impossibilita` li jhallas il-manteniment kollu ordnat mill-Qorti Civili kompetenti, u dan minhabba bdil fic-cirkostanzi tieghu. Effettivament mart l-appellant xehdet li ghal Dicembru kollu zewgha kien taha biss mitt lira, mentri ghal Jannar kien taha tlett mitt lira (*shortfall*, ghalhekk, mill-anqas ta' mitejn u sittin lira f'Dicembru u sittin lira f'Jannar). Din il-Qorti tosserva li minn Jannar ta' din is-sena sad-data tas-sentenza ta' l-ewwel qorti

---

[1] "Il-Qorti:

"Rat il-verbal registrat fl-udjenza tal-lum li permezz tieghu l-abbili difensur tal-appellant eccepixxa li mart l-appellant mhix xhud kompetenti f'din il-kawza peress li ma taqax f'wahda mill-kategoriji msemmija fil-paragrafi (a), (b) u (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 635 tal-Kodici Kriminali;

"Rat l-imsemmija disposizzjoni tal-ligi;

"Rat is-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Mejju, 1998 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Mario Mallia***;

"Tosserva li l-paragrafu (a) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 635 imsemmi jirreferi ghal "reat kontra x-xhud" u mhux "reat kontra l-persuna tax-xhud". Dan ifisser li, purche` li r-reat ikun sar bi hsara tax-xhud, jekk dik jew dak ix-xhud tkun jew ikun il-konjugi ta' l-imputat jew akkuzat, l-istess xhud hi jew hu kompetenti li tixhed jew jixhed. Il-kwistjoni tal-klassifikazzjoni tar-reat jew jekk ir-reat hux prosegwibbli *ex officio* o meno, hi rrelevanti ghall-finijiet tal-imsemmi paragrafu (a).

"Ghall-motivi premessi, tirrespingi l-pregudizzjali tal-inkompetenza (jew inammissibilita`) tax-xhud Mary Rose Borg, u tordna l-prosegwiment ta' l-appell."

ghaddew tmien xhur, li huwa zmien bizzejjed biex l-appellant seta' jadixxi lill-Qorti Civili kompetenti biex timmodifika, jekk ikun verament gustifikat, il-manteniment ga ffissat. Din il-Qorti kienet tkun anke propensa li tiehu in konsiderazzjoni, anke jekk biss ghall-finijiet ta' piena, xi digriet ta' modifika li seta' talvolta nghata wara d-data ta' l-ewwel sentenza u qabel id-19 ta' Dicembru, 2003. L-appellant, izda, ma pproduca ebda digriet simili. Din il-Qorti diversi drabi fissret li ma hux kompitu taghha li tidhol fil-meritu ta' kemm ghandu jkun il-manteniment, peress li din il-Qorti ma tistax taghmilha ta' qorti ta' revizjoni minn digrieti tal-Qrati Civili kompetenti. Fic-cirkostanzi ma hemm, ghalhekk, ebda raguni ghala din il-Qorti ghandha tvarja s-sentenza ta' l-ewwel qorti. Anqas hu il-kaz ta' soprassessjoni (ara f'dan ir-rigward is-sentenza ta' din il-Qorti tal-5 ta' Awissu, 2003 fl-ismijiet ***Il-Pulizija v. Mario Borg***).

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------